



## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 14 I 2014  
C(2013) 9822 final

Sur President,

*Il-Kummissjoni tixtieq tiringrazzja lill-Kamra tad-Deputati għall-Opinjoni Motivata tagħha dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jfassal mill-ġdid ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004, dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew {COM(2013) 410 final}.*

*Il-Kummissjoni eżaminat l-Opinjoni Motivata u temmen li, mhux talli l-proposta rrispettat il-prinċipju ta' sussidjarjetà, iżda talli hija rrinfurzat id-dimensjoni ta' sussidjarjetà. Il-kunċett tal-Blokok tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali (FABs) ġie inkorporat fil-liġi tal-UE fl-2004, fl-okkażjoni tal-ewwel adozzjoni tal-erba' Regolamenti kkonċernati. Minħabba li l-implimentazzjoni ħadet fit-tul, l-iskadenza ġiet iffissata fit-tieni pakkett ta' Regolamenti dwar l-Ajru Uniku Ewropew fl-2009, bil-għan li l-FABs ikunu implimentati bis-sħiħ sal-4 ta' Diċembru 2012. Madankollu, fil-prattika, għad ma hemm l-ebda wieħed mid-disa' FABs proposti fl-Ewropa li qed jiffunzjona bis-sħiħ, u fil-biċċa l-kbira tagħhom baqgħu fil-livell ta' ftehimiet inizjali bejn l-Istati, mingħajr ma jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni eżistenti.*

*Il-Kummissjoni eżaminat ir-raġunijiet għal din in-nonkonformità u bbażat il-proposta tagħha fuq l-informazzjoni li nġhatatilha mill-Istati Membri stess. Id-dispożizzjonijiet dwar il-FABs li hemm fl-Artikolu 16 tal-proposta saru b'tali mod li jkunu inqas preskrittivi u aktar kontroġerarkiċi, u għaldaqstant jippermettu lill-Istati u lill-Provvedituri ta' Servizz tan-Navigazzjoni bl-Ajru tagħhom jużaw aktar sussidjarjetà u jsibu soluzzjonijiet lokali għall-problemi ta' prestazzjoni inadegwata tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru.*

*Fl-aħħar nett, għandu jiġi nnutat li, minflok ma qed tirrikjedi essenzjalment li ssir revizzjoni fundamentali tal-FABs li hemm attwalment, il-proposta prinċipalment qed tfittex li tagħti opportunitajiet addizzjonali lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-FABs b'mod li jkun iktar konformi mal-ħtiġijiet lokali u reġjonali tagħhom. Dan jippermetti lill-Provvedituri ta' Servizz tan-Navigazzjoni bl-Ajru tal-Istati jwettqu l-każijiet ta' sikurezza adattati f'konformità mar-Regolament Nru 1035/2011 u jieħdu kwalunkwe azzjoni adegwata meħtieġa biex jiżviluppaw FABs li jkunu wkoll konformi mal-ħtiġijiet industrijali.*

*Il-Kummissjoni tittama li dawn il-kjarifiki jindirizzaw il-kwistjonijiet imqajma mill-Kamra tad-Deputati u tinsab ħerqana li tissokta bid-djalogu politiku fil-ġejjieni.*

Dejjem tiegħek,

Maroš Šefcovič  
Viċi President

Is-Sur Anġlu FARRUGIA  
Il-President tal-Kamra tad-Deputati  
Il-Palazz  
MT – VALLETTA CMR 2000